Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
0503	The Grove Block A and B Triq Marsalforn Xagħra	Registration of Rules	10/11/2023
0504	Ganni's Flats Triq Sant Elija Xewkija	Registration of Rules	10/11/2023

Dr Miriam Rapa, LLD
Għar-Reġistratur tal-Artijiet

Il-15 ta' Diċembru, 2023

No. 1757

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Miriam Rapa, LLD
f/Land Registrar

15th December, 2023

No. 1758

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Noti ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Leġiżlazzjoni	Regolamenti tal-2023 dwar Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem
Attività li se tkun qed tiġi regolata	Il-valutazzjonijiet tar-riskju li għandhom jiġu segwiti, it-testijiet li għandhom isiru, u r-regolamenti tal-parametri relattivi għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem mill-ġbir sal-konsumatur
Entità responsabbli	Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika bl-għajnuna minn entitajiet varji

2. Sommarju u sfond.

It-testijiet li jridu jsiru u l-parametri relattivi għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem mill-produzzjoni għall-konsum huwa diġà regolat mill-L.S. 449.57. eżistenti – Regolamenti dwar Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem. L-għan ta' dan l-istrument leġiżlattiv huwa li jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni). Għalhekk, dawn ir-regolamenti jittrasponu obbligi fuq l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem mill-ġbir sal-konsumatur sabiex jipproteġi s-saħħa tal-bniedem mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe kontaminazzjoni billi jiġi żgurat li jkun tajjeb għas-saħħa u nadif, u biex jitjieb l-aċċess tiegħu. Għalhekk, permezz ta' dawn ir-regolamenti ġodda – ir-regolamenti preċedenti L.S. 449.57. "Regolamenti Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem" huma b'dawn revokati.

Ir-regolamenti proposti ġew ippreżentati lill-Kabinett fit-12 ta' Diċembru, 2023 u sussegwentement imressqa fit-12 ta' Diċembru, 2023.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument.

Ir-regolamenti proposti huma magħmula minn tnejn u għoxrin (22) regolamenti, u sitt(6) Skedi. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu u jirregolaw kif ġej:

Regolament 1	Titolu u Bidu fis-Seħħ. Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta. Dan il-perjodu ta' waqfien ta' xahrejn (2) japplika għal dawn ir-regolamenti għaliex ma jikkwalifikawx bħala eżenzjoni taħt L.S. 512.01.
Regolament 2	Għan
Regolament 3	Dispożizzjonita' Interpretazzjoni
Regolament 4	Eżenzjonijiet
Regolament 5	Obbligi ġenerali
Regolament 6	Livelli ta' kwalità
Regolament 7	Punti ta' konformità
Regolament 8	L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-sigurtà tal-ilma
Regolament 9	Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti tal-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem
Regolament 10	Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju tas-sistema ta' provvista
Regolament 11	Valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika
Regolament 12	Rekwiżiti minimi tal-iġjene għal materjal li jiġi f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem
Regolament 13	Rekwiżiti minimi għas-sustanzi kimiċi għat-trattament u l-mezzi ta' filtrazzjoni li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem
Regolament 14	Monitoraġġ
Regolament 15	Azzjoni korrettiva u restrizzjonijiet tal-użu
Regolament 16	Derogi
Regolament 17	Aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem
Regolament 18	Informazzjoni għall-pubbliku

Regolament 19	Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni
Regolament 20	Proċedura tal-Kumitat
Regolament 21	Perijodu tranżitorju
Regolament 22	Revoka
L-Ewwel Skeda	Lista ta' entitatjiet ta' għajnuna
It-Tieni Skeda	Rekwiżiti minimi għall-valuri parametriċi użati sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem
It-Tielet Skeda	Monitoraġġ
Ir-Raba' Skeda	Prinċipji biex jiġu stabbiliti metodoloġiji
Il-Ħames Skeda	Speċifikazzjonijiet għall-analiżi ta' parametri
Is-Sitt Skeda	Informazzjoni lill-pubbliku

4. Kummentarju dwar partijiet u regolamenti.


L-għan tal-obbligi preskritti minn dawn ir-regolamenti huwa li jiġi żgurat li l-ilma għall-konsum mill-bniedem ikun bnin u nadif. L-oneru jestendi tul il-katina tal-provvista kollha i.e. mill-ġbir sad-distribuzzjoni. Dan ifisser li r-rekwiżiti minimi stabbiliti fit-Tieni Skeda, Partijiet A, B u D u l-miżuri l-oħra kollha meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-regolamenti 6 sa 15, li jittrasponu l-Artikoli 5 sa 14 tad-Direttiva, m'għadhomx applikabbli għall-punt tal-użu biss.

L-Approċċ Ibbażat fuq ir-Riskju jkopri l-katina tal-provvista kollha



Ir-Regolamenti dwar l-Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem (L.S. 449.57.) li qed jiġu revokati kienu jiffokaw prinċipalment fuq il-prodott finali, filwaqt li dawn ir-regolamenti issa jqisu wkoll il-katina kollha tal-provvista u l-impatti fuq is-sorsi tal-ilma li qed jintuża (tniġġis li qed jiġi skarikat, estrazzjoni żejda eċċ.), id-dritt għall-ilma, it-titjib tal-aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb u jippromwovi l-użu tal-ilma tal-vit. Dawn ir-regolamenti huma bbażati fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u d-Direttiva tobbliga lill-awtorità kompetenti biex tiżgura l-ebda deterjorazzjoni diretta jew indiretta tal-kwalità preżenti tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

L-Approċċ Ibbażat fuq ir-Riskju



Il-proposta tkopri l-katina sħiħa tal-provvista tal-ilma

Skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, valutazzjoni tal-livelli ta' tnixxija tal-ilma u l-potenzjal għal titjib fit-tnaqqis tat-tnixxija tal-ilma għandha tiġi. miżmuma. Din il-valutazzjoni għandha tikkonsidra aspetti relevanti tas-saħħa pubblika, ambjentali, tekniċi u ekonomiċi. (Regolament 10).



Il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju taż-żoni ta' wesgħa għall-punti ta' estrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom jitwettqu għall-ewwel darba sat-12 ta' Lulju 2027 mill-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti ta' Qafas għall-Politika tal-Ilma. L-informazzjoni miksuba mill-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju għandha tiġi maqsuma mal-istakeholders.

Evalwazzjoni tar-Riskju u Ġestjoni tar-Riskju ta' kull sistema ta' provvista li tkopri l-katina tal-provvista kollha, għanda titwettaq sat-12 ta' Jannar 2029 mill-forniturі tal-ilma. Pjattaforma diġitali/mudell għandha tiġi pprovduta mid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali ("EHD"). Parametri ta' testijiet u frekwenzi tal-ilma fornut japplikaw skont it-Tieni, it-Tielet u l-Ħames Skeda tar-regolamenti.

Postijiet ta' prijorità, kif imfisser fir-regolamenti, għandhom jagħmlu evalwazzjoni tar-riskju tas-sistemi tad-distribuzzjoni domestiċi tagħhom u għandhom jittestjaw l-preżenza taċ-ċomb minbarra l-Legionella skont ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Leġjonella (L.S. 465.03.) u r-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Cooling Towers u l-Kondensaturi Evaporattivi (L.S. 465.04). Fondi kummerċjali u domestiċi oħra huma mħeġġa wkoll biex iwettqu valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi tal-ilma tagħhom u jittestjaw għall-preżenza taċ-ċomb.

Regolament 9 - identifikazzjoni ta' perikoli u avvenimenti perikolużi fiż-żoni tal-wesgħa għall-punti ta' estrazzjoni u valutazzjoni tar-riskji li jaffettwaw il-kwalità tal-ilma.

Dan ir-regolament jittratta kwalunkwe attività mwettqa fiż-żona tal-wesgħa użata għall-punti ta' estrazzjoni għall-provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Kwalunkwe attività mwettqa fiż-żona tal-wesgħa tista' tinfluwenza ilma tal-wiċċ u ilma tal-art fiż-żoni tal-wesgħa użati għal estrazzjoni sabiex jagħti provvista tal-ilma maħsub għal konsum mill-bniedem. Il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni mikrobjali u kimika tas-sors tal-ilma hija l-ewwel ostaklu kontra l-kontaminazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Kwalunkwe kontaminazzjoni għandha jkollha impatt fuq il-passi tat-trattament meħtieġa biex jiġi żgurat ilma sikur u azzjoni preventiva biex jiġu limitati attivitajiet bħal dawn tista' tkun preferibbli milli jittejjeb it-trattament ulterjuri. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha titwettaq biex jiġu vvalutati riskji potenzjali li jistgħu jikkawżaw deterjorament tal-kwalità tal-ilma sal-punt li jista' jikkostitwixxi riskju għas-saħħa tal-bniedem.

Il-kollaborazzjoni mill-qrib bejn l-awtorità kompetenti, l-entitajiet ta' għajnuna u l-fornitur tal-ilma, hija essenzjali biex jiġu rikonoxxuti perikoli għas-saħħa li potenzjalment iseħħu fiż-żona tal-wesgħa. Huwa importanti wkoll biex jiġi żgurat li l-protezzjoni tal-ilma għall-konsum mill-bniedem tiġi kkonsidrata meta jittieħdu deċiżjonijiet għall-użu tal-art jew deċiżjoni oħra li jistgħu jaffettwaw ir-riżorsi tal-ilma.

Il-fornitur tal-ilma mhuwiex responsabbli għall-ġestjoni taż-żona tal-wesgħa li tista' taffettwa l-provvista tiegħu. Madankollu, għandu jikkollabora mal-awtorità kompetenti jew kwalunkwe entità ta' għajnuna kif meħtieġ, jifhem ir-riskji li jirriżultaw minn attivitajiet u, jew inċidenti potenzjalment kontaminanti, u juża tali informazzjoni meta jivvaluta r-riskji fis-sistema tal-provvista u japplika ġestjoni tar-riskju xierqa.

Għalkemm, il-fornituri tal-ilma jistgħu ma jkunux responsabbli għaż-żona tal-ġbir, jistgħu jintalbu jagħmlu monitoraġġ addizzjonali ta' ċerti parametri u jinfurmaw lill-entità responsabbli għar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma (L.S. 549.100.) dwar xejriet u, jew numri jew konċentrazzjonijiet mhux tas-soltu ta' parametri, sustanzi jew inkwinantiimmonitorjati skont ir-regolament 9(3). Il-fornituri tal-ilma għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni relevanti tal-valutazzjoni tar-riskju fiż-żoni tal-wesgħa.

Regolament 10 – Valutazzjoni tar-Riskju u Ġestjoni tar-Riskju tas-Sistema ta' Provvista

Dan għandu jsir minn fornituri tal-ilma li jipproduċu aktar minn 100m3 kuljum iżda li jużaw l-informazzjoni miġbura taħt ir-regolament 9 (il-Valutazzjoni tar-Riskju fuq iż-Żona tal-Wesgħa). Għandu jiġi adottat approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex ikun hemm kontroll mikrobjali u kimiku ġenerali biex jiġi prodott l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Wara l-identifikazzjoni tar-riskji fis-sistema tal-provvista, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' kontroll meħtieġa biex jiġi żgurat li l-patoġeni u l-konċentrazzjonijiet ta' kimiċi jippreżentaw riskju negliġibbli għall-ilma.

Il-valutazzjoni tar-riskju fuq is-sistema tal-provvista mwettqa mill-fornituri tal-ilma għandha:

(a) tikkonsidra r-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju taż-żoni tal-wesgħa għall-punti ta' estrazzjoni mwettqa skont ir-regolament 9;
(b) tinkludi valutazzjoni dwar is-sistema u d-disinn jiġifieri jkollha deskrizzjoni tal-katina tal-provvista kollha (inkluż il-punt tal-estrazzjoni, it-trattament, il-ħażna u d-distribuzzjoni tal-ilma);
(c) tinkludi monitoraġġ operazzjonali (ittestjar għall-parametri) skont il-leġiżlazzjoni;
(d) tidentifika l-perikoli u l-avvenimenti perikoluži fis-sistema tal-provvista u tinkludi valutazzjoni tar-riskji li jistgħu jaffettwaw is-saħħa tal-bniedem. Dawn għandhom jinkludu riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, pajpijiet li jnixxu jew sorsi oħra ta' kontaminazzjoni;
(e) jkollha pjanijiet ta' ġestjoni, inklużi dokumentazzjoni u komunikazzjoni.

L-elementi ta' valutazzjoni tar-riskju għandhom jinbnew fuq il-prinċipju ta' ostakli multipli, il-prinċipji tal-analiżi tal-perikoli u l-punti kritiċi ta' kontroll u approċċi oħra ta' ġestjoni sistematika. Il-pjanijiet għandhom jindirizzaw l-aspetti kollha tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tas-sistema tal-provvista u jiffokaw fuq il-kontroll tal-estrazzjoni, it-trattament, il-ħażna u l-kunsinna. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tar-riskju għandha tipprovdi sistema organizzata u strutturata biex timminimizza ċ-ċans ta' falliment permezz ta' nuqqas ta' sorveljanza jew skadenza ta' ġestjoni u għal pjanijiet ta' kontinġenza biex jirrispondu għal fallimenti tas-sistema jew avvenimenti mhux previsti li jista' jkollhom impatt fuq il-kwalità tal-ilma.

Fuq il-bażi tar-riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont ir-regolament 10(2), il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju li ġejjin għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw miżuri ta' kontroll għall-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji identifikati fis-sistema tal-provvista li jistgħu jikkompromettu l-kwalità tal-ilma. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu wkoll kwalunkwe riskju li seta' jkun ġej mill-valutazzjoni tar-riskju fuq iż-żona tal-wesgħa u, jew mill-valutazzjoni tar-riskju fuq id-distribuzzjoni domestika. Barra minn hekk, materjali, filtri u trattament li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu skont ir-rekwiżit tar-rekwiżiti minimi tal-iġjene għall-materjal f'kuntatt mal-ilma biex jipprevjenu mard għall-konsumaturi.

Meta diżinfezzjoni tifforma parti mill-preparazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-ilma:

(a) l-effiċjenza tad-diżinfezzjoni applikata hija validata,
(b) li kwalunkwe kontaminazzjoni minn prodotti sekondarji tad-diżinfezzjoni tinżamm baxxa kemm jista' jkun mingħajr ma tiġi kompromessa d-diżinfezzjoni,
(ċ) li kwalunkwe kontaminazzjoni minn kimiċi ta' trattament tinżamm baxxa kemm jista' jkun,
(d) li kwalunkwe sustanza li tibqa' fl-ilma ma tikkompromettix it-twettiq tal-obbligi ġenerali stipulati fir-regolament 5.

Regolament 11 - Valutazzjoni tar-Riskju ta' Sistemi ta' Distribuzzjoni Domestika

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li titwettaq valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi tad-distribuzzjoni domestiċi mill-postijiet ta' prijorità. Din il-valutazzjoni tar-riskju għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) analiżi ġenerali tar-riskji potenzjali assoċjati:

- b'sistemi ta' distribuzzjoni domestika, u
- bi prodotti u materjali relatati, u jekk dawk ir-riskji potenzjali jaffettwawx il-kwalità tal-ilma fil-punt fejn joħroġ mill-viti li normalment jintużaw għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(b) monitoraġġ tal-parametri elenkati fit- Taqsima D tat-Tieni Skeda (leġjonella u ċomb).

Sabiex jitnaqqsu r-riskji konnessi mas-sistemi tad-distribuzzjoni domestiċi, l-awtorità kompetenti assistita minn entitajiet oħra għandha tikkonsidra u fejn xieraq:

(a) tinkoraġġixxi sidien ta' bini pubbliku u privat biex iwettqu valutazzjoni tar-riskju tas-sistema tad-distribuzzjoni domestika;

(b) tinforma lill-konsumaturi u lis-sidien ta' bini pubbliku u privat dwar miżuri biex jiġi eliminat jew jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards ta' kwalità għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem minħabba s-sistema tad-distribuzzjoni domestika;

(c) tagħti pariri lill-konsumaturi dwar il-kondizzjonijiet tal-konsum u l-użu tal-ilma u dwar azzjoni possibbli biex jiġi evitat li dawk ir-riskji jerġgħu jseħħu;

(d) tippromwovi t-taħriġ għall-plamers u professjonisti oħra li jittrattaw is-sistemi tad-distribuzzjoni domestika u l-installazzjoni ta' prodotti għall-kostruzzjoni u materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma

(e) fir-rigward tal-Legionella, tiżgura li miżuri effettivi ta' kontroll u ġestjoni li huma proporzjonati mar-riskju jkunu fis-seħħ biex jipprevjenu u jindirizzaw tifqigħat possibbli tal-marda;

(f) fir-rigward taċ-ċomb, jekk ekonomikament u teknikament fattibbli, timplimenta miżuri għas-sostituzzjoni ta' komponenti magħmula miċ-ċomb fis-sistemi ta' distribuzzjoni domestiċi eżistenti.

Regolament 12 - Materjali f'kuntatt mal-ilma

Dan ir-regolament japplika għal materjali li huma maħsuba biex jintużaw:

- f'installazzjonijiet ġodda;
- fil-każ ta' xogħlijiet ta' tiswija jew rikostruzzjoni;
- f'installazzjonijiet eżistenti għall-estrazzjoni, trattament, ħażna jew distribuzzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u li jiġu f'kuntatt ma' tali ilma li ma:

(a) jikkompromettux l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif previst mid-Direttiva u dawn ir-regolamenti, direttament jew indirettament;

(b) jaffettwax ħażin il-kulur, ir-riħa jew it-togħma tal-ilma;

(c) jtejbux it-tkabbir tal-mikrobi;

(d) jħallux kontaminanti fl-ilma f'livelli li huma ogħla milli meħtieġ fid-dawl tal-iskop maħsub tal-materjal.

Is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika mgħejuna minn entitajiet responsabbli għall-bini u l-kostruzzjoni u l-entità responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE għandhom jiżguraw li l-materjali identifikati fil-paragrafu preċedenti biss għandhom jintużaw meta jiġu f'kuntatt mal-ilma għall-konsum mill-bniedem.

Regolament 13 - Rekwiżiti Minimi għal kimiċi ta' trattament u midja - f'kuntatt mal-ilma.

Dan isegwi l-istess kunċett bħar-regolament 12; tul il-katina tal-provvista tal-ilma.

L-awtorità kompetenti mgħejuna mill-entità stabbilita fl-Ewwel Skeda għandha tiżgura li s-sustanzi kimiċi tat-trattament u l-midja tal-filtru li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ma:

(a) jikkompromettux l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif previst mid-Direttiva u dawn ir-regolamenti, direttament jew indirettament;
(b) jaffettwax ħażin il-kulur, ir-riħa jew it-togħma tal-ilma;
(c) jtejbux it-tkabbir tal-mikrobi b'mod mhux intenzjonat;
(d) jħallux kontaminanti fl-ilma f'livelli li huma ogħla milli meħtieġ fid-dawl tal-iskop maħsub.

Dan t'hawn fuq bla ħsara għar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Prodotti Bijoċidali (Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 528/2012) (L.S. 430.09).

Kemm materjali f'kuntatt mal-ilma maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew il-materjali, filtri u jew kimiċi użati għat-trattament tal-ilma li jiġu approvati skont id-direttivi u regolamenti relattivi għandhom jitqiegħdu fis-suq.

Regolament 14 - Monitoraġġ

Il-fornitur tal-ilma għandu jwettaq monitoraġġ tal-parametri kif stabbilit mit-Tieni, mit-Tielet u l-Ħames Skeda tar-regolamenti.

Regolament 18 – Informazzjoni lil Pubbliku

Il-fornituri tal-ilma għandhom jipprovdu informazzjoni lill-klijenti tagħhom mill-inqas darba fis-sena dwar il-kwalità u l-ispiża tal-ilma fornut.

5. Taqsima tal-konklużjoni.

Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lill-**EHD**:

https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx

Telefon: +356 2334-3000
Email: wrau.ehd@gov.mt

Jekk jogħġbok irreferi wkoll għal-Linji Gwida għall-Utent ippubblikati flimkien ma' dain in-Nota ta' Spjega għal aktar informazzjoni.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għalih. Dawn in-Noti mhumiex deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Il-15 ta' Diċembru, 2023

ANNESS

(għall-fini tal-paragrafu (vi) ta' Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

Nota ta' Traspożizzjoni għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni).

Numru ta' l-Artikolu tad-Direttiva	Regolament ta' Traspożizzjoni
2	3
3(1)(a) u (b)	4(1)(a) u (b)
3(2) Premise 16	4(2) Proviso
3(3)(a) & (b)	4(3)(a) & (b)
3(4)	4(4)
3(5)	4(5)
3(6)	4(6)
4(1)	5(1)
4(2)	5(2)
4(3)	5(3)
5(1)	6(1)
5(2)	6(2)
5(3)	6(3)
6(1)	7(1)
6(2)	7(2)
6(3)	7(3)
7(1)	8(1)
7(2)	8(2)
7(3)	8(3)
7(4)	8(4)
7(5)	8(5)
7(6)	8(6)
	Miżjud: qsim ta' informazzjoni Miżjud: 8(7)
8(1)	9(1)
	Miżjud: qsim ta' informazzjoni
8(2)	9(2)
8(3)	9(3)
8(4)(a) sa (d)	9(4)(a) sa (d)
8(5)	9(5)
8(6)	9(6)
	9(7) Miżjud: obligazzjoni ta' qsim ta' informazzjoni
9(1)	10(1)
9(2)	10(2)
9(3)	10(3)
9(4)	10(4)
9(5)	10(5)

9(6)	10(6)
10(1)	11(1)
10(2)	11(2)
	11(3)
10(3)	11(4)
11(1)	12(1)
	Miżjud 12(2)
	Miżjud 12(3)
12(1) (a) sa (d)	13(1) (a) sa (d)
12(2)	13(2)
12(3)	13(3)
13(1)	14(1)
13(2) (a) sa (e)	14(2) (a) sa (e)
13(3)	14(3)
13(4)	14(4)
13(5)	14(5)
Ħames paragrafu ta' 13(8)	14(6)
14(1)	15(1)
14(2)	15(2)
14(3)	15(3)
14(4)	15(4)
14(5)	15(5)
14(6)	15(6)
15(1) (a) sa (c)	16(1) (a) sa (c)
15(2)	16(2)
15(3)	16(3)
15(4)	16(4)
15(5)	16(5)
16(1)	17(1)
16(2)	17(2)
16(3)	17(3)
17(1)	18(1)
17(2)	18(2)
17(3)	18(3)
18(1) (a) sa (e)	19(1) (a) sa (e)
18(2)	19(2)
	Miżjud 20
23	21
25(1)	22(1)
25(2)	22(2)
Annex I – Taqsima A sa D	It-Tieni Skeda – Taqsima A sa D
Annex II	It-Tielet Skeda
Annex III	Il-Ħames Skeda
Annex IV	Is-Sitt Skeda
Annex V	Ir-Raba' Skeda

No. 1758

MINISTRY FOR HEALTH

Explanatory Notes

1. Introduction

Title of Regulations	Water Intended for Human Consumption Regulations, 2023
Activity to be regulated	The risk assessments that shall be followed, tests that shall be made, and regulation of parameters relative to water intended for human consumption from catchment to consumer
Responsible entity	Superintendent of Public Health with the support of various entities

2. Summary and background.

The tests to be made and parameters relative to water intended for human consumption from production to consumption, is already regulated by the existing S.L. 449.57. – Water Intended for Human Consumption Regulations. The purpose of this legislative instrument is to transpose the provisions of Directive (EU) 2020/2184 of the European Parliament and of the Council of 16 December 2020 on the quality of water intended for human consumption (recast). Therefore, these regulations transpose obligations on water intended for human consumption from catchment to consumer to protect human health from the adverse effects of any contamination by ensuring that it is wholesome and clean, and to improve its access. Therefore, by means of these new regulations – the old regulations S.L. 449.57. "Water Intended for Human Consumption Regulations" are hereby repealed.

The proposed regulations were presented to Cabinet on 12th December, 2023 and subsequently tabled on 12th December, 2023.

3. Overview of the structure of the instrument.

The proposed regulations are made up of twenty-two (22) regulations, and six (6) Schedules. Said regulations establish and regulate as follows:

Regulation 1	Citation and Commencement. All the provisions of these regulations shall come into force within two (2) months from their date of publication in the Gazette. This two (2) month stand-still period applies to these regulations because they do not qualify as an exemption under S.L. 512.01.
Regulation 2	Scope
Regulation 3	Interpretation
Regulation 4	Exemptions
Regulation 5	General obligations
Regulation 6	Quality standards
Regulation 7	Points of compliance
Regulation 8	Risk based approach to water safety
Regulation 9	Risk assessment and risk management of the catchment areas for abstraction points of water intended for human consumption
Regulation 10	Risk assessment and risk management of the supply system
Regulation 11	Risk assessment of domestic distribution systems
Regulation 12	Minimum hygiene requirements for material that come into contact with water intended for human consumption
Regulation 13	Minimum requirements for treatment chemical substances and filter media that come into contact with water intended for human consumption
Regulation 14	Monitoring
Regulation 15	Remedial action and restrictions of use
Regulation 16	Derogations
Regulation 17	Access to water intended for human consumption

Regulation 18	Information to the public
Regulation 19	Information on monitoring of implementation
Regulation 20	Committee procedure
Regulation 21	Transitional period
Regulation 22	Repeal
First Schedule	List of supporting entities
Second Schedule	Minimum requirements for parametric values used to assess the quality of water intended for human consumption
Third Schedule	Monitoring
Fourth Schedule	Principles for setting methodologies
Fifth Schedule	Specifications for the analysis of parameters
Sixth Schedule	Information to the public

4. Commentary on parts and regulations.


The purpose of the obligations prescribed by these regulations is to ensure that water for human consumption is wholesome and clean. The onus extends throughout the whole supply chain, i.e., from the catchment to the distribution. This means that the minimum requirements set out in the Second Schedule, Parts A, B and D and all other measures necessary to comply with the requirements set out in regulations 6 to 15, transposing Articles 5 to 14 of the Directive, are no longer applicable to the point of use only.

The Risk Based Approach covers the whole supply chain




The repealed Water Intended for Human Consumption Regulations (S.L. 449.57.) mainly focused on the final product, whereas these regulations now take also into consideration the whole supply chain and the impacts on the sources of water being used (pollution being discharged, over abstraction etc.), the right to water, improving access to safe drinking-water and promotes the use of tap water. These regulations are based on the precautionary principle and the Directive obliges the competent authority to ensure no direct or indirect deterioration of the present quality of water intended for human consumption.

Risk Based Approach



In accordance with Directive 2000/60/EC of the European Parliament and of the Council of 23 October 2000 establishing a framework for Community action in the field of water policy, an assessment of water leakage levels and the potential for improvements in water leakage reduction shall be held. That assessment shall consider relevant public health, environmental, technical and economic aspects. (Regulation 10).



The risk assessment and risk management of the catchment areas for abstraction points of water intended for human consumption shall be carried out for the first time by 12th July 2027 by the entity responsible for the implementation of the Water Policy Framework Regulations. The information obtained from the risk assessments and risk management shall be shared with the stakeholders.

Risk Assessment and Risk Management of each supply system that covers the whole supply chain, shall be carried out by 12 January 2029 by the water suppliers. A digital platform/ template shall be provided by Environmental Health Directorate ('EHD'). Testing parameters and frequencies of supplied water apply as per the Second, Third and Fifth Schedule of the regulations.

Priority premises, as defined in the regulations, shall do risk assessment of their domestic distribution system and shall carry out testing for the presence of lead in addition to Legionella as per the Control of Legionella Regulations (S.L. 465.03.) and the Registration of Cooling Towers and Evaporative Condensers Regulations (S.L. 465.04.). Other commercial and domestic premises are also encouraged to carry out a risk assessment of their water systems and test for the presence of lead.

Regulation 9 - identification of hazards and hazardous events in the catchment areas for abstraction points and an assessment of the risks that affect the quality of water.

This regulation deals with any activity carried out in the catchment area used for abstraction points to supply water intended for human consumption. Any activity carried out in the catchment area may influence surface water and ground water in the catchment areas used for abstraction to supply water intended for human consumption. Prevention of microbial and chemical contamination of the source of water is the first barrier against contamination of water intended for human consumption. Any contamination shall have an impact on the treatment steps required to ensure safe water and preventive action to limit such activities may be preferable to upgrading further treatment. The risk assessment shall be carried out to assess potential risks that might cause deterioration of the water quality to the extent that it could constitute a risk to human health.

Close collaboration between the competent authority, supporting entities and water supplier, is essential to the recognise health hazards potentially occurring in the catchment area. It is also important for ensuring that the protection of water for human consumption is considered when taking decisions for land use or other decision which might affect the water resources.

The water supplier is not responsible for the management of the catchment area which might affect his supply. However, he shall collaborate with the competent authority or any supporting entity as needed, understand the risks arising from potentially contaminating activities and, or incidents, and use such information when assessing risks in the supply system and apply appropriate risk management.

Even though, water suppliers may not be responsible for the catchment area, they may be asked to perform additional monitoring of certain parameters and inform the entity responsible for the Water Policy Framework Regulations (S.L. 549.100.) of trends and, or unusual numbers or concentrations of monitored parameters, substances or pollutants as per regulation 9(3). Water suppliers shall have access to the relevant information of the risk assessment in the catchment areas.

Regulation 10 – Risk Assessment and Risk Management of the Supply System

This shall be carried out by water suppliers producing more than 100m3 per day, using the information gathered under regulation 9 (the Risk Assessment on the Catchment Area). A risk-based approach shall be adopted to have an overall microbial and chemical control to produce water intend for human consumption. Following the identification of risks in the supply system, the necessary control measures shall be adopted to ensure that pathogens and concentrations of chemicals present a negligible risk to water.

The risk assessment on the supply system performed by water suppliers shall:

(a) take into consideration the results of the risk assessment and risk management of the catchment areas for abstraction points carried out in accordance with regulation 9;

(b) include an assessment on the system and design i.e. have a description of the whole supply chain (including the abstraction point, treatment, storage and distribution of water);

(c) include an operational monitoring (testing for parameters) as per legislation;

(d) identify the hazards and hazardous events in the supply system and include an assessment of the risks that may affect human health. These shall include risks arising from climate change, leaking pipes or other sources of contamination;

(e) have management plans, including documentation and communication.

The elements of a risk assessment shall be built on the multiple-barrier principle, the principles of hazard analysis and critical control points and other systematic management approaches. The plans should address all aspects of the water intend for human consumption of the supply system and focus on the control of abstraction, treatment, storage and delivery. In addition, the risk assessment shall provide an organised and structured system to minimize the chance of failure through oversight or lapse of management and for contingency plans to respond to system failures or unforeseen events that may have an impact on water quality.

Based on the outcome of the risk assessment carried out in accordance with regulation 10(2), the following risk management measures shall define and implement control measures for the prevention and mitigation of the risks identified in the supply system that could compromise the quality of water. These measures shall also include any risk that may have come from the risk assessment on the catchment area and, or from the risk assessment on the domestic distribution. Furthermore, materials, filters and treatment that come into contact with water intend for human consumption shall be in accordance with the requirement of the minimum hygiene requirements for material in contact with water to prevent an ill-health to consumers.

When a disinfection forms part of the preparation or distribution of water:

(a) the efficiency of the disinfection applied is validated,
(b) any contamination from disinfection by-products is kept as low as possible without compromising the disinfection,
(c) any contamination from treatment chemicals is kept as low as possible,
(d) any substances remaining in the water do not compromise the fulfilment of the general obligations set out in regulation 5.

Regulation 11 - Risk Assessment of Domestic Distribution Systems

The competent authority shall ensure that a risk assessment of the domestic distribution system is carried out by priority premises. The risk assessment shall comprise of the following elements:

(a) a general analysis of the potential risks associated:

- with domestic distribution systems, and
- with related products and materials, and whether those potential risks affect the quality of water at the point where it emerges from the taps that are normally used for water intended for human consumption;

(b) monitoring of the parameters listed in Part D of the First Schedule (legionella and lead).

In order to reduce the risks connected with domestic distribution systems, the competent authority assisted by other entities shall consider and where appropriate:

(a) encourage owners of public and private premises to carry out a risk assessment of the domestic distribution system;

(b) inform consumers and owners of public and private premises about measures to eliminate or reduce the risk of non-compliance with the quality standards for water intended for human consumption due to the domestic distribution system;

(c) advise consumers about the conditions of consumption and use of water and about possible action to avoid the reoccurrence of those risks;

(d) promote training for plumbers and other professionals dealing with domestic distribution systems and the installation of construction products and materials that come into contact with water;

(e) in relation to Legionella, ensure that effective control and management measures which are proportionate to the risk are in place to prevent and address possible outbreaks of the disease;

(f) in relation to lead, if economically and technically feasible, implement measures for substitution of components made of lead in existing domestic distribution systems.

Regulation 12 - Materials in contact with water

This regulation applies to materials that are intended to be used in:

- new installations,
- repair works or reconstruction,
- existing installations for the abstraction, treatment, storage or distribution of water intended for human consumption and that come into contact with such water that do not:

(a) directly or indirectly compromise the protection of human health as provided for by the Directive and these regulations;

(b) adversely affect the colour, odour or taste of the water;

(c) enhance microbial growth;

(d) leach contaminants into the water at levels that are higher than necessary in view of the intended purpose of the material.

The Superintendent of Public Health supported by entities responsible for building and construction and the entity responsible for the implementation of Regulation (EU) No 305/2011 of the European Parliament and of the Council of 9 March 2011 laying down harmonised conditions for the marketing of construction products and repealing Council Directive 89/106/EEC, shall ensure that only materials identified in the previous paragraph shall be used when in contact with water for human consumption.

Regulation 13 - Minimum Requirements for treatment chemicals and media - into contact with water.

This follows the same concept as regulation 12; along the water supply chain.

The competent authority, supported by the entity established by the First Schedule, shall ensure that treatment chemical substances and filter media that come into contact with water intended for human consumption do not:

(a) directly or indirectly compromise the protection of human health as provided for by the Directive and these regulations;

(b) adversely affect the colour, odour or taste of the water;

(c) unintentionally enhance microbial growth;

(d) contaminate the water at levels that are higher than necessary in view of the intended purpose.

The above shall be without prejudice to Regulation (EU) No 528/2012 of the European Parliament and of the Council of 22 May 2012 concerning the making available on the market and use of biocidal products and the provisions of Biocidal Products (Implementation of Regulation (EU) No 528/2012) Regulations (S.L. 430.09).

Both materials in contact with water intend for human consumption or the materials, filters and, or chemicals used to treat water which are approved in accordance with the relevant directives and regulations shall be placed on the market.

Regulation 14 - Monitoring

The water supplier shall carry out monitoring of parameters as established by the Second, Third and Fifth Schedule of the regulations.

Regulation 18 - Information to the Public

Water suppliers shall provide information to their customers at least once a year on the quality and cost of the water supplied.

5. Concluding section.

All the provisions of these regulations shall come into force on their date of publication in the Gazette.

For further information please contact **EHD**:

https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx

Telephone: +356 2334-3000
Email: wrau.ehd@gov.mt

Please also refer to the User Guidelines published concurrently with this Explanatory Note for further information.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or legislative supplement to it. These Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

15th December, 2023

ANNEX

(for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta)

Transposition Notes for the transposition of Directive (EU) 2020/2184 of the European Parliament and of the Council of 16 December 2020 on the quality of water intended for human consumption (recast).

Directive Article Number	Transposing Regulation
2	3 (alphabetical)
3(1)(a) & (b)	4(1)(a) & (b)
3(2) Premise 16	4(2) Proviso
3(3)(a) & (b)	4(3)(a) & (b)
3(4)	4(4)
3(5)	4(5)
3(6)	4(6)
4(1)	5(1)
4(2)	5(2)
4(3)	5(3)
5(1)	6(1)
5(2)	6(2)
5(3)	6(3)
6(1)	7(1)
6(2)	7(2)
6(3)	7(3)
7(1)	8(1)
7(2)	8(2)
7(3)	8(3)
7(4)	8(4)
7(5)	8(5)
7(6)	8(6)
	Added: sharing of information Added: 8(7)
8(1)	9(1)
	Added: sharing of information
8(2)	9(2)
8(3)	9(3)
8(4)(a) to (d)	9(4)(a) to (d)
8(5)	9(5)
8(6)	9(6)
	9(7) Added: obligation of sharing of information
9(1)	10(1)
9(2)	10(2)
9(3)	10(3)
9(4)	10(4)
9(5)	10(5)

9(6)	10(6)
10(1)	11(1)
10(2)	11(2)
	11(3)
10(3)	11(4)
11(1)	12(1)
	Added 12(2)
	Added 12(3)
12(1) (a) to (d)	13(1) (a) to (d)
12(2)	13(2)
12(3)	13(3)
13(1)	14(1)
13(2) (a) to (e)	14(2) (a) to (e)
13(3)	14(3)
13(4)	14(4)
13(5)	14(5)
Fifth paragraph of 13(8)	14(6)
14(1)	15(1)
14(2)	15(2)
14(3)	15(3)
14(4)	15(4)
14(5)	15(5)
14(6)	15(6)
15(1) (a) to (c)	16(1) (a) to (c)
15(2)	16(2)
15(3)	16(3)
15(4)	16(4)
15(5)	16(5)
16(1)	17(1)
16(2)	17(2)
16(3)	17(3)
17(1)	18(1)
17(2)	18(2)
17(3)	18(3)
18(1) (a) to (e)	19(1) (a) to (e)
18(2)	19(2)
	Added 20
23	21
25(1)	22(1)
25(2)	22(2)
Annex I – Parts A to D	SecondSchedule – Parts A to D
Annex II	ThirdSchedule
Annex III	FifthSchedule
Annex IV	SixthSchedule
Annex V	Fourth Schedule

Nru. 1759

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
15.12.2023	€59.203	€0.686

Il-15 ta' Diċembru, 2023

No. 1759

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

15th December, 2023

Nru. 1760

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax [18] tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq il-Klin, l-Iklin (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 14,833).

Triq il-Plejju u Triq il-Ħarruba, l-Iklin (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 14,834).

Triq San Giljan, Birkirkara (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 14,835).

Triq Santu Rokku, Birkirkara (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 14,836).

Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 14,837).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq [inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni] għandha sa ħmistax [15]- il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mill-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Jannar, 2024 u l-1 ta' Ġunju, 2024, se tkun qed tibda

No. 1760

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen [18] of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq il-Klin, Iklin (indicated on site plan on page 14,833).

Triq il-Plejju and Triq il-Ħarruba, Iklin (indicated on site plan on page 14,834).

Triq San Ġiljan, Birkirkara (indicated on site plan on page 14,835)

Triq Santu Rokku, Birkirkara (indicated on site plan on page 14,836).

Triq Manoel De Vilhena, Gżira (indicated on site plan on page 14,837)

Any person who is obliged by law to form said road [including by acquiring land necessary for the same formation] has fifteen [15] days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd January, 2024 and 1st June, 2024, it will be

xogħlijiet fi Triq il-Klin, l-Iklin. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

starting road works in Triq il-Klin, Iklin. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Jannar, 2024 u l-1 ta' Ġunju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Plejju u Triq il-Ħarruba, l-Iklin. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd January, 2024 and 1st June, 2024, it will be starting road works in Triq il-Plejju and Triq il-Ħarruba, Iklin. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorized by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Jannar, 2024 u l-1 ta' Ġunju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq San Ġiljan, Birkirkara. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 2nd January, 2024 and 1st June, 2024, it will be starting road works in Triq San Ġiljan, Birkirkara. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Jannar, 2024 u l-1 ta' Ġunju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Santu Rokku, Birkirkara. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 1st January, 2024 and 1st June, 2024, it will be starting road works in Triq Santu Rokku, Birkirkara. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn it-2 ta' Jannar, 2024 u l-1 ta' Ġunju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet f' PO Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 1st January, 2024 and 1st June, 2024, it will be starting road works in PO Triq Manoel De Vilhena, Gżira. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. "No Parking" signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.


Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

Għal għajnuna jew aktar informazzjoni, wieħed jista' jibgħat email fuq (info.im@infrastructuremalta.com).

For assistance or for more information, one may send an email to (info.im@infrastructuremalta.com).

Il-15 ta' Diċembru, 2023

15th December, 2023



INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Revisions	Drawn	Checked	Approved	Date
J					
H					
G					
F					
E					
D					
C					
B					
A	*				

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Iklin\2023 Iklin.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -


DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: L-IKLIN

Triq Il-Klin - SITE PLAN
(Extents of Works are not binding but indicative)


DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
Nov 2023	-	IMD119/23/e

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	-	2e



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: L-IKLIN			
S:\Traffic Management\2023\Iklin\2023 Iklin.dwg	HEAD OF UNIT: N.V.	Triq il-Plejju - Triq il-Harruba - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)			
	PROJECT LEADER: -	DATE: March 2023	FILE NO: -		DRAWING NO: IMD120/23
	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A	PAGE NO: 3



INFRASTRUCTURE MALTA

No.	Revision	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Birkirkara\2023 Birkirkara.dwg

UNIT NAME:
IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT:
N.V.

PROJECT LEADER:
-

DRAWN BY:
-

DRAWING TITLE:
BIRKIRKARA
Triq San Giljan - SITE PLAN
(Extents of Works are not binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
March 2023	-	IMD111/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2400	A	12



INFRASTRUCTURE MALTA

Issue	Alteration	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Birkirkara\2023 Birkirkara.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.


PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: BIRKIRKARA
Triq Santu Rokku - SITE PLAN
(Extents of Works are not binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
March 2023	-	IMD110/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2400	A	11



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2023\Gzira\2023 Gzira.dwg

UNIT NAME:
IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT:
N.V.

PROJECT LEADER:
-

DRAWN BY:
-

DRAWING TITLE:
IL-GŻIRA
po Triq Manoel de Vilhena - SITE PLAN
(Extents of Works are not binding but indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
March 2023	-	IMD103/23

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	A	1

Nru. 1761

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMSIDA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 16 tas-7 ta' Jannar, 2022, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imsida', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1761

NUMBERING OF DOORS AT L-IMSIDA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 16 dated 7th January, 2022, under the title 'Numbering of doors at L-Imsida', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMSIDA

1. TRIQ C. DE BROCKTORFF

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Isqof F. S. Caruana

Left side entering from Triq l-Isqof F. S. Caruana

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Antmar	45
Bieb bla numru	47
Bieb bla numru	49
Bieb bla numru	51
Bieb bla numru	53
Garaxx	55

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Isqof F. S. Caruana

Right side entering from Triq l-Isqof F. S. Caruana

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Isqof F. S. Caruana

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
45, Antmar	45
47 **(Uffiċċju)**	47
49, **St Matthew (Flettijiet)**	49
Daħla għall-garaxxijiet	**49A**
51	51
53, **St Anthony (Flettijiet)**	53
Bieb bla numru	**53A**
55 (Garaxx)	55

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Isqof F. S. Caruana

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Il-15 ta' Diċembru, 2023

15th December, 2023

Nru. 1762

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 141 tad-29 ta' Jannar, 2021, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1762

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 141 dated 29th January, 2021, under the title 'Numbering of doors at Il-Mellieħa', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

TRIQ SAN LUQA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Left side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
2	1
Bieb bla numru	3
Perla	5

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Right side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1	1		
Bieb bla numru	**3**		
Bieb bla numru	**3A**		
Garaxx	**3B**		
5, Perla	5		

Il-15 ta' Diċembru, 2023

Nru. 1763

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-BAĦRIJA, IR-RABAT(M)

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 671 tal-24 ta' Ġunju, 2005, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fir-Rabat', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

15th December, 2023

No. 1763

NUMBERING OF DOORS AT IL-BAĦRIJA, IR-RABAT(M)

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 671 dated 24th June, 2005, under the title 'Renumbering of doors at Ir-Rabat', the following amendment in **bold** should be made.

IL-BAĦRIJA, IR-RABAT(M)

18. TRIQ IL-LEWŻ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Patri Ġeraldu Paris

Left side entering from Triq Patri Ġeraldu Paris

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Patri Ġeraldu Paris

Right side entering from Triq Patri Ġeraldu Paris

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
33, Fomm ir-Riħ	33		
35 (Garaxx)	35		

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
33, Fomm ir-Riħ	33		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**33A**		
35 (Garaxx)	35		

Il-15 ta' Diċembru, 2023

Nru. 1764

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIR-RABAT(M)

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 836 tat-18 ta' Ġunju, 2021, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fir-Rabat(M)' għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

15th December, 2023

No. 1764

NUMBERING OF DOORS AT IR-RABAT (M)

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 836 dated 18th June, 2021, under the title 'Numbering of doors at Ir-Rabat(M)' the following amendments in **bold** should be made.

IR-RABAT (M)

TRIQ PATRI G.A. BONELLI

Meta tidħol minn Triq Bir ir-Riebu
Entering from Triq Bir ir-Riebu

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	12

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
13	13
Garaxx	14
Bini qed jinbena (Flettijiet)	15

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
12, **Ohana**	12
Garaxx	**13**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**13A**
Los Blancos	**14**
15	15

Il-15 ta' Diċembru, 2023

Nru. 1765

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA VENERA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 66 tad-19 ta' Jannar, 1999 u 519 tal-15 ta' Ġunju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Santa Venera', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

15th December, 2023

No. 1765

NUMBERING OF DOORS AT SANTA VENERA

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 66 dated 19th January, 1999 and 519 dated 15th June, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Santa Venera', the following amendments in **bold** should be made.

SANTA VENERA

10. TRIQ IL-KANUN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira San Ġużepp
Left side entering from Triq il-Kbira San Ġużepp

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira San Ġużepp
Right side entering from Triq il-Kbira San Ġużepp

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
232	34
231	36
229	38
228	40
Garaxx	42
226	44
225	46
Bieb bla numru	46A
224	48

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
34	34
36, Mayfair Apts	**36**
Garaxx	**36A**
38	38
40	40
42 (Garaxx)	42
46 (Flettijiet)	**44**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
44 (Ħanut)	**46**
46A, **Pepe's House of Beauty** (Ħanut)	46A
48	48

Il-15 ta' Diċembru, 2023

Nru. 1766

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 368 tad-29 ta' Lulju, 1952, għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

15th December, 2023

No. 1766

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 368 dated 29th July, 1952, the following amendments in **bold** should be made.

IS-SIĠĠIEWI

TRIQ IL-KBIRA

Meta tidħol minn Triq Mons. Mikiel Azzopardi
Entering from Triq Mons. Mikiel Azzopardi

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
63	68
64	69
Bieb bla numru	70
66	71

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
68	68
69	69
Bieb bla numru	**70**
70	**70A**
71	71

Il-15 ta' Diċembru, 2023

Nru. 1767

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMSIDA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1021 tal-31 ta' Awwissu, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imsida', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

15th December, 2023

No. 1767

NUMBERING OF DOORS AT L-IMSIDA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 1021 dated 31st August, 2018, under the title 'Numbering of doors at L-Imsida', the following prolongation in **bold** should be made.

L-IMSIDA

3. TRIQ GIOVANNI SCHRANZ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq Ta' Bieb it-Torri

Left side entering from Triq Ta' Bieb it-Torri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Anfield Court	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq Ta' Bieb it-Torri

Right side entering from Triq Ta' Bieb it-Torri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**41**		
Bieb bla numru	**43**		
Bieb bla numru	**45**		
Bieb bla numru	**47**		
Bieb bla numru	**49**		
St Leonard (Flettijiet)	**51**		
Bieb bla numru	**53**		

Il-15 ta' Diċembru, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 243

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ta' Kerċem

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru, 2023 bejn il-4.45 p.m. u d-9.15 p.m. minn Pjazza, Triq l-Avukat Anton Calleja, Triq Franġisk, Triq Roża Camilleri, Triq is-Sokkors, Triq Ta' Xewka u Triq Indipendenza.

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Jannar, 2024 bejn it-3.00 p.m. u s-7.30 p.m. mill-Pjazza, Triq l-Avukat Anton Calleja, Triq San Pietru u San Pawl, Triq Sarġ u Triq Ġużeppi Briffa.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Diċembru, 2023 bejn it-8.30 p.m. u s-1.00 p.m. minn Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia, Triq Sant'Andrija, Triq Palma, Triq Agius de Soldanis, Pjazza Indipendenza u Triq San Ġużepp.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Xagħra, Gozo

Nhar il-Ħadd, 1 ta' Jannar, 2024 bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m. minn Pjazza l-Vittorja, Triq 28 ta' April, 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp u Triq il-Knisja.

15th December, 2023

POLICE NOTICE

No. 243

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ta' Kerċem

On Friday, 22nd December, 2023 between 4.45 p.m. and 9.15 p.m. through Pjazza, Triq l-Avukat Anton Calleja, Triq Franġisk, Triq Roża Camilleri, Triq is-Sokkors, Triq Ta' Xewka and Triq Indipendenza.

On Sunday, 7th January, 2024 between 3.00 p.m. and 7.30 p.m. through Pjazza, Triq l-Avukat Anton Calleja, Triq San Pietru u San Pawl, Triq Sarġ and Triq Ġużeppi Briffa.

Public transport may also be affected.

Victoria, Gozo

On Sunday, 24th December, 2023 between 8.30 p.m. and 1.00 p.m. through Pjazza San Ġorġ, Triq il-Karità, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia, Triq Sant'Andrija, Triq Palma, Triq Agius de Soldanis, Pjazza Indipendenza and Triq San Ġużepp.

Public transport may also be affected.

Xagħra, Gozo

On Sunday, 1st January, 2024 between 4.00 p.m. and 8.00 p.m. through Pjazza l-Vittorja, Triq 28 ta' April, 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp and Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Diċembru, 2023

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

Pożizzjoni ta' Programme Officer (EU Funds) fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Fondi Ewropej), Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Programme Officer (EU Funds) fi ħdan id-Diviżjonijiet tal-Fondi Ewropej fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet.

Tul tal-assignment u kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' tlett (3) snin bħala Programme Officer (EU Funds) fi ħdan id-Diviżjonijiet tal-Fondi Ewropej fil-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Programme Officer (EU Funds) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Programme Officer (EU Funds) taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-"Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss."

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment,a nke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pozizzjoni ta' Programme Officer (EU Funds) huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (ekwivalenti

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

15th December, 2023

MINISTRY FOR THE ECONOMY,
EUROPEAN FUNDS AND LANDS

Position of Programme Officer (EU Funds) in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (EU Funds), in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands invites applications for the position of Programme Officer (EU Funds) within the EU Funds Divisions in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands.

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Programme Officer (EU Funds) within the EU Funding Divisions in the Ministry for the Economy, European Funds and Lands, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Programme Officer (EU Funds) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of Programme Officer (EU Funds) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled "Contracts of Service for a Fixed Term Regulations".

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

Salary pegged to the position

3.1 The Salary attached to the position of Programme Officer (EU Funds) is equivalent to the maximum of Salary Scale 9 less an increment (equivalent to €26,731.44 in

għal € 26,731.44 fl-2023), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

3.2 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għal:

i. performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti (Fondi Ewropej);

ii. disturbance allowance ta' 15% (minflok overtime) tas-salarju rispettiv li jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal perjodi speċifiċi awtorizzat mis-Segretarju Permanenti (Fondi Ewropej), jiżdied għal 25%. Dan id-disturbance allowance ma jkunx pagabbli lill-uffiċjali li jkunu qed jaħdmu b'reduced hours.

iii. pro-rata responsibility allowance ta' 25% tal-iskala tas-salarju rispettiv.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Programme Officer (EU Funds) jinkludu li:

i. Imexxi u jaqdi dmirijiet relatati mal-funzjonijiet tal-Managing Authority, Responsible Authority, Competent Authority, Accounting Functions u l-Payments Unit għall-European Structural and Investment Funds (ESIF), ir-Recovery and Resilience Fund (RRF) u fondi oħra skont ir-regoli applikabbli nazzjonali u tal-UE;

ii. Ikun involut fil-funzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tal-Fondi Ewropej u fondi oħrajn allokati lil Malta;

iii. Jaqdi funzjonijiet u jipprovdi tmexxija f'dak li jikkonċerna l-funzjoni tal-Intermediate Body għallmiżuri ffinanzjati mill-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u l-entitajiet tiegħu;

iv. Jkun involut fl-ifformular tal-istrateġija, it-tfassil tal-Operational Programmes u l-aġġornamenti pertinenti tagħhom biex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva tal-ESIF, il-RRF u fondi oħrajn allokati lil Malta;

v. Jipprovdi tmexxija fil-kontribuzzjoni u l-ikkordinar tal-issues relatati mal-EU acquis communitaire f'dak li jikkonċerna policy reġjonali inkluż il-Multi Annual Financial Framework, affarijiet relatati mal-ESIF, ir-RRF u fondi Ewropej oħra;

vi. Jagħmel l-evalwazzoni tal-programmi pertinenti u funzjonijiet oħra relatati ma' fondi Ewropej rilevanti;

vii. Jipprovdi gwida lill-focal points tal-Unjoni Ewropea u programmi ta' fondi oħra li huma mmexxija mill-Kummissjoni jew minn istituzzjonijiet oħra;

2023), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one year service, whichever is the later.

3.2 A selected candidate will also be entitled to:

i. a performance bonus of up to 10% of his/her basic salary. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary (EU Funds);

ii. a disturbance allowance (in lieu of overtime) of 15% of the respective scale which may, in exceptional circumstances and for specific periods duly authorised by the Permanent Secretary (EU Funds), be increased by 25%. The disturbance allowance shall not be payable to officers while on reduced hours.

iii. a pro-rata responsibility allowance at 25% of the respective salary scale.

Duties

4. The job duties for the position of Programme Officer (EU Funds) include:

i. Carry out duties in relation to the Managing Authority, Responsible Authority, Competent Authority, Accounting Function as well as the Payments Unit for the European Structural and Investment Funds (ESIF), Recovery and Resilience Fund (RRF) and other funds in line with the applicable national and EU rules;

ii. Engage in all functions relating to the management of EU and other funds allocated to Malta;

iii. Undertakes work and duties concerning the Intermediate Body function for EU funded measures implemented by the Ministry for the Economy, European Funds and Lands and its entities;

iv. Engage in strategy formulation, the design of appropriate Operational Programmes and their pertinent updates with a view to ensure the effective implementation of ESIF and other funds allocated to Malta;

v. Contribute to and co-ordinate issues dealing with the EU acquis communitaire concerning regional policy including the Multi Annual Financial Framework, matters dealing with ESIF, RRF and other EU funds;

vi. Undertake evaluation of pertinent programmes and other functions connected with relevant EU funds;

vii. Provide guidance to the focal points of the EU and other funding programmes that are managed by the Commission or other institutions;

viii. Jiġbor data u statistiċi, jagħmel riċerka u jipprepara rapporti u dokumenti kif meħtieġ;

ix. Jorganizza u jipparteċipa f'laqgħat u jieħu minuti ta' diskussjonijiet f'Malta u barra minn Malta kif meħtieġ;

x. Jipprovdi sapport lill-promuturi tal-proġetti fuq il-Management Information System rilevanti (database elettronika);

xi. Jikkomunika mal istakeholders rilevanti kif meħtieġ;

xii. Jipparteċipa f'taħriġ u konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

xiii. Iwettaq dmirjiet oħra kif mitlub mill-Kap tad-Dipartiment jew mis-Segretarju Permanenti jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha; u

xiv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanente Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

viii. Compile data and statistics, undertake research, and prepare reports and documents as necessary;

ix. Organise and participate in meetings and take minutes of discussions in Malta and abroad as necessary;

x. Give support to the project promoters on the relevant Management Information System (electronic database);

xi. Liaise with relevant stakeholders as necessary;

xii. Participate in training and conferences both locally and abroad;

xiii. Carry out any other duties as assigned by the Head of Department and the Permanent Secretary or his/her representative; and

xiv. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007"; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw/ikunu proficjenti bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża b'mod effettiv;

iii. (a) fil-pussess ta' kwalifika fil-Bachelors rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-qasam tal-Accountancy jew l-ICT jew kwalunkwe kwalifika professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġett li l-amministrazzjoni tikkunsidra relevanti, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

(b) fil-pussess ta' kwalifika fil-Bachelors rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-qasam tal-Accountancy jew l-ICT, jew kwalunkwe kwalifika professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 6 tal-MQF f'suġġett li l-amministrazzjoni tikkunsidra relevanti; jew

Fil-każijiet li kandidati jiġu magħżula abbażi tas-sezzjoni 5 (1) (iii) (b) ta' din is-sejħa, is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Programme Officer (EU Funds) huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala 10 (ekwivalenti għal €25,067.22 fl-2023), li mal-konferma tal-ħatra wara sena (1) servizz fil-pożizzjoni jilħaq għall-massimu ta' Skala 9.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma 180 ECTS/ECVET krettu, hekk kif applikabbli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anki jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

f. in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in/must be proficient in the Maltese and English languages;

iii. (a) in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Accountancy or ICT or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 6 in an area which the administration considers relevant, plus one (1) year relevant work experience; or

(b) in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Accountancy or ICT or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 6 in an area which the administration considers relevant; or

In the case of candidates selected on the basis of Section 5(1)(iii)(b) of this call, the Salary attached to the position of Programme Officer (EU Funds) is equivalent to the maximum of Salary Scale 10 less an increment (equivalent to €25,067.32 in 2023), with the attainment of the maximum of Salary Scale 9 on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year.

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recongnition statement being submitted wih the application.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 (iii), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 5.1(iii) jew 5.2.

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-Bord tal-Għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 – 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraph 5.1(iii) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clauses 5.1(iii) or 5.2.

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the neccessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the Selection Board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippublikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew l-HR Unit tal-mininteru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppublikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/trankrizzjonijiet u/ jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 – 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur (Servizzi Korporattivi) (Fondi Ewropej), Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet, permezz tar-Recruitment Portal **biss** f'dan l-indirizz: (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew)

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director (Corporate Services) (EU Funds), Ministry for the Economy, European Funds and Lands through the Online Government Recruitment Portal only on (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Tuesday, 2nd

ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Jannar, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi (Fondi Ewropej), 31 B, Tal-Pilar, Triq Marsamxett, Valletta. Dawnid-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (https://eufunds.gov.mt) u (recruitment.eufunds@gov.mt).

Il-15 ta' Diċembru, 2023

January, 2024. A computer-generated e-mail will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division at the address (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate (EU Funds), 31B, Tal-Pilar, Marsamxett Road, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and e-mail address of the receiving Department/Division/Directorate are (https://eufunds.gov.mt) and (recruitment.eufunds@gov.mt)

15th December, 2023

Pożizzjoni tista' tkun parzjalment iffinanzjata
mill-Unjoni Ewropea Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
Rata ta' Ko-finanzjament: 80% Fondi UE; 20% Fondi Nazzjonali

Position maybe part-financed
by the European Union European Structural and Investment Funds 2014-2020
Co-financing rate: 80% EU Funds; 20% National Funds

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fid-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2023 huwa ta' €20,270.04 fis-sena, li jiżdied b'€354.00 fis-sena sa massimu ta' €22,394.04.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11 (€21,630.00 x €375.17-€23,881.02 fis-sena 2023) mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b).

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€23,029.57 x €407.67- €25,475.59 fis sena 2023) wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad/pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Assistant Manager (Accounting and Finance) in the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Finance and Administration), Office of the Prime Minister invites applications for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) in the Finance and Administration Directorate within the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2023 is equivalent to €20,270.04 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €22,394.04.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2023 is equivalent to €21,630.00 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €23,881.02, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b).

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€23,029.57 x €407.67 - €25,475.59 in the year 2023) on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC/ADAC positions or applications for a definite position.

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a

kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/ Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom ukoll iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Accounting and Finance, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) jinkludu li:

i. Iwettaq dmirijiet relatati ma' tranżazzjonijiet ta' flus kontanti u ċekkijiet, u l-ipproċessar f'waqtu ta' tranżazzjonijiet, verifiki, rekordjar, aġġustamenti, rendikont u rikonċiljazzjoni;

